Verżjoni Elettronika
Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,415, 2 ta' Ġunju, 2020
Taqsima B

A.L. 226 tal-2020

ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Regolamenti tal-2020 li jemendaw l-Erbatax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 75 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Ministru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, skop u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2020 li jemendaw l-Erbatax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Erbatax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema Erbatax-il Skeda hi minn hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa "l-Erbatax-il Skeda". Kap. 406.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/2455 tal-5 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE u d-Direttiva 2009/132/KE fir-rigward ta' ċerti obbligi tat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-provvisti ta' servizzi u għall-bejgħ mill-bogħod ta' oġġetti u d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2019/1995 tal-21 ta' Novembru 2019 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati ma' bejgħ b'distanza ta' merkanzija u ċerti provvisti domestiċi ta' merkanzija.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data jew id-dati li l-Ministru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji, jista' b'avviż fil-Gazzetta, jistabbilixxi.

Jissostitwixxi t-Taqsima Sebgħa tal-Erbatax-il Skeda.

2. It-Taqsima Sebgħa tal-Erbatax-il Skeda, għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Taqsima Sebgħa

Skemi speċjali għal persuni taxxabbli li jipprovdu servizzi lil persuni mhux taxxabbli jew li jagħmlu bejgħ ta' oġġetti f'ċertu distanza jew li jipprovdu ċerti provvisti domestiċi ta' oġġetti

Sezzjoni 1
Dispożizzjonijiet ġenerali

Verżjoni Elettronika

Tifsir

1. F'din it-Taqsima, għandha tapplika t-tifsira li ġejja:

"denunzja tal-VAT" tfisser id-dikjarazzjoni li tinkludi l-informazzjoni meħtieġa biex jiġi stabbilit l-ammont ta' VAT dovuta f'kull Stat Membru.

Sezzjoni 2
Skema speċjali għal servizzi pprovduti minn persuni taxxabbli mhux stabbiliti fil-Komunità

Tifsir

1. Għall-finijiet ta' din is-Sezzjoni, mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra ta' dan l-Att, għandhom japplikaw it-tifsiriet li ġejjin:

"persuna taxxabbli mhux stabbilita fil-Komunità" tfisser persuna taxxabbli li ma stabbilietx in-negozju tagħha fit-territorju tal-Komunità u li ma għandha l-ebda stabbiliment iffissat hemmhekk;

"Stat Membru ta' identifikazzjoni" tfisser l-Istat Membru li l-persuna taxxabbli li mhijiex stabbilita fil-Komunità tagħżel li tikkuntattja biex tiddikjara meta tibda l-attività tagħha bħala persuna taxxabbli fit-territorju tal-Komunità skond id-dispożizzjonijiet ta' din is-Sezzjoni;

"Stat Membru ta' konsum" tfisser l-Istat Membru li fih, skont it-Taqsima Tnejn tat-Tielet Skeda, hi meqjusa li sseħħ il-provvista ta' servizzi.

Permess biex tintuża l-iskema speċjali

2. Il-Kummissarju għandu jippermetti lil kwalunkwe persuna taxxabbli li mhijiex stabbilita fil-Komunità li tipprovdi servizzi lil persuna mhux taxxabbli li hija stabbilita fi Stat Membru jew għandha l-indirizz permanenti tagħha jew normalment tirrisjedi fi Stat Membru, sabiex tuża din l-iskema speċjali. Din l-iskema tapplika għal dawk is-servizzi kollha pprovduti fil-Komunità.

Notifika lill-Kummissarju

3. Il-persuna taxxabbli li mhijiex stabbilita fil-Komunità għandha tiddikjara lill-Kummissarju meta tibda jew tieqaf mill-attività tagħha bħala persuna taxxabbli jew tibdel dik l-attività

Verżjoni Elettronika

b'tali mod li hi ma tibqax tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-użu ta' din l-iskema speċjali. Hi għandha tikkomunika dik l-informazzjoni elettronikament.

Informazzjoni li għandha tiġi provduta lill-Kummissarju

4. (1) L-informazzjoni li l-persuna taxxabbli li mhijiex stabbilita fil-Komunità għandha tipprovdi lill-Kummissarju meta hi tibda attività taxxabbli għandha tinkludi d-dettalji li ġejjin:

(a) l-isem;

(b) l-indirizz postali;

(ċ) l-indirizzi elettroniċi, li jinkludu siti tal-internet;

(d) in-numru tal-kodiċi fiskali nazzjonali, jekk hemm;

(e) dikjarazzjoni li l-persuna ma tkunx stabbilixxiet in-negozju tagħha fit-territorju tal-Komunità u li ma jkollha l-ebda stabbiliment fiss hemmhekk.

(2) Il-persuna taxxabbli li mhijiex stabbilita fil-Komunità għandha tinforma lill-Kummissarju dwar kwalunkwe tibdil fl-informazzjoni mogħtija.

Numru ta' identifikazzjoni tal-VAT

5. Il-Kummissarju għandu jalloka lill-persuna taxxabbli mhux stabbilita fil-Komunità numru ta' identifikazzjoni tal-VAT individwali għall-applikazzjoni ta' din l-iskema speċjali u għandu jinnotifikaha b'dak in-numru permezz ta' mezzi elettroniċi. Abbażi tal-informazzjoni użata għal dik l-identifikazzjoni, l-Istati Membri ta' konsum jistgħu jużaw is-sistemi ta' identifikazzjoni tagħhom.

Tħassir mir-reġistru ta' identifikazzjoni

6. Il-Kummissarju għandu jħassar lill-persuna taxxabbli li mhijiex stabbilita fil-Komunità mir-reġistru ta' identifikazzjoni fil-każijiet li ġejjin:

(a) jekk tinnotifika lill-Kummissarju li m'għadhiex tipprovdi servizzi koperti minn din l-iskema speċjali;

Verżjoni Elettronika

(b) jekk b'xi mod ieħor jista' jiġi preżunt li l-attivitajiet taxxabbli tagħha twaqqfu;

(ċ) jekk hi m'għadhiex tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-użu ta' din l-iskema speċjali;

(d) jekk hi ma jirnexxiliex b'mod persistenti milli tikkonforma mar-regoli dwar l-iskema speċjali.

Sottomissjoni ta' denunzja tal-VAT

7. Il-persuna taxxabbli mhux stabbilita fil-Komunità li tuża din l-iskema speċjali għandha tissottometti permezz ta' mezzi elettroniċi lill-Kummissarju denunzja tal-VAT għal kull tliet (3) xhur kalendarji, kemm jekk ġew ipprovduti servizzi koperti minn din l-iskema speċjali kif ukoll jekk le. Id-denunzja tal-VAT għandha tiġi sottomessa sa tmiem ix-xahar sussegwenti għat-tmiem tal-perijodu tat-taxxa kopert mid-denunzja.

Dettalji u aġġustamenti li għandhom jiġu inklużi fid-denunzja tal-VAT

8. Id-denunzja tal-VAT għandha turi n-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT individwali għall-applikazzjoni ta' din l-iskema speċjali u, għal kull Stat Membru ta' konsum fejn il-VAT hija dovuta, il-valur totali, mingħajr VAT, ta' provvisti ta' servizzi koperti minn din l-iskema speċjali mwettqa matul il-perijodu tat-taxxa u l-ammont totali għal kull rata tal-VAT korrispondenti. Ir-rati tal-VAT applikabbli u l-VAT totali dovuta għandhom jiġu indikati wkoll fid-denunzja. Fejn ikunu meħtieġa xi emendi fid-denunzja tal-VAT wara li tkun ġiet sottomessa, tali emendi għandhom ikunu inklużi f'denunzja sussegwenti fi żmien tliet (3) snin wara d-data li fiha d-denunzja inizjali kienet meħtieġa tiġi sottomessa skont il-partita 7. Dik id-denunzja sussegwenti tal-VAT għandha tidentifika l-Istat Membru ta' konsum relevanti, il-perijodu tat-taxxa u l-ammont tal-VAT li għalih kwalunkwe emendi jkunu meħtieġa.

Munita ta' rappurtar

9. Id-denunzja tal-valur miżjud fuq it-taxxa għandha ssir fl-euro. Jekk il-provvisti saru f'muniti oħra, il-persuna taxxabbli li mhijiex stabbilita fil-Komunità għandha, għall-finijiet ta' tlestija tad-denunzja tal-VAT, tuża r-rata tal-kambju li tapplika fl-aħħar ġurnata tal-perijodu tat-taxxa. Il-kambju għandu jsir billi jiġu applikati r-rati tal-kambju ppubblikati mill-Bank Ċentrali Ewropew għal dik il-ġurnata, jew jekk ma kien hemm l-ebda

Verżjoni Elettronika

pubblikazzjoni f'dik il-ġurnata, fil-ġurnata ta' pubblikazzjoni li jmiss.

Ħlas tat-taxxa

10. Il-persuna taxxabbli li mhijiex stabbilita fil-Komunità għandha tħallas il-VAT, waqt li tagħmel referenza għad-denunzja tal-VAT relevanti, meta tippreżenta d-denunzja tal-VAT, mhux aktar tard, mill-iskadenza tat-terminu perentorju li fih id-denunzja għandha tiġi preżentata.

Il-ħlas għandu jsir f'kont bankarju denominat fl-euro, magħżul mill-Kummissarju.

Tnaqqis ta' input tax

11. Il-persuna taxxabbli li mhijiex stabbilita fil-Komunità li tuża din l-iskema speċjali ma tistax tnaqqas il-VAT skont l-Artikolu 168 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE. Minkejja l-paragrafu 1 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 86/560/KEE, il-persuna taxxabbli inkwistjoni għandha tiġi rimborżata skont dik id-Direttiva. L-Artikolu 2(2) u (3), u l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 86/560/KEE m'għandhomx japplikaw għal rifużjonijiet li jirrigwardaw servizzi koperti minn din l-iskema speċjali.

Jekk il-persuna taxxabbli li tuża din l-iskema speċjali tkun meħtieġa li tkun reġistrata fi Stat Membru għal attivitajiet li mhumiex koperti minn din l-iskema speċjali, hija għandha tnaqqas il-VAT imħallsa f'dak l-Istat Membru fir-rigward tal-attivitajiet taxxabbli tagħha li huma koperti minn din l-iskema speċjali fid-denunzja tal-VAT li għandha tiġi ppreżentata skont l-Artikolu 250 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE.

Dokumentazzjoni

12. (1) Il-persuna taxxabbli li mhijiex stabbilita fil-Komunità għandha żżomm dokumentazzjoni tat-transazzjonijiet koperti minn din l-iskema speċjali. Din id-dokumentazzjoni għandha tkun suffiċjentement dettaljata sabiex tippermetti lill-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istat Membru ta' konsum, biex jivverifikaw li d-denunzja tal-VAT tkun korretta.

(2) Id-dokumentazzjoni msemmija fis-subpartita (1) għandha tkun disponibbli b'mod elettroniku fuq talba lill-Kummissarju u lill-Istat Membru ta' konsum.

Din id-dokumentazzjoni għandha tinżamm għal perjodu ta' għaxar (10) snin mill-aħħar tas-sena li matulha tkun saret it-

Verżjoni Elettronika

transazzjoni.

Sezzjoni 3
Skema speċjali għal bejgħ li jsir f'ċertu distanza intra-Komunitarju ta' oġġetti, għal provvisti ta' oġġetti fi ħdan Stat Membru magħmula minn interfaċċi elettroniċi li jiffaċilitaw dawk il-provvisti u għal servizzi pprovduti minn persuni taxxabbli stabbiliti fil-Komunità iżda mhux fl-Istat Membru ta' konsum

Tifsir

1. Għall-finijiet ta' din is-Sezzjoni, mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra ta' dan l-Att, għandhom japplikaw it-tifsiriet li ġejjin:

"L-Istat Membru ta' identifikazzjoni" tfisser l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-persuna taxxabbli stabbilixxiet in-negozju tagħha jew, jekk ma stabbilixxietx in-negozju tagħha fil-Komunità, fejn għandha stabbiliment fiss.

Fejn persuna taxxabbli ma stabbilixxietx in-negozju tagħha fil-Komunità, iżda għandha iktar minn stabbiliment fiss wieħed (1) hemmhekk, l-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jkun l-Istat Membru li fih jinsab l-istabbiliment fiss fejn dik il-persuna taxxabbli tindika li ser tagħmel użu minn din l-iskema speċjali. Il-persuna taxxabbli għandha tkun marbuta b'dik id-deċiżjoni għas-sena kalendarja kkonċernata u għas-sentejn (2) kalendarji ta' wara.

Fejn persuna taxxabbli ma stabbilixxietx in-negozju tagħha fil-Komunità u lanqas ma għandha stabbiliment fiss hemmhekk, l-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jkun l-Istat Membru li fih jibda d-dispaċċ jew it-trasport tal-oġġetti. Fejn ikun hemm aktar minn Stat Membru wieħed (1) li fih jibda d-dispaċċ jew it-trasport tal-oġġetti, il-persuna taxxabbli għandha tindika liema minn dawk l-Istati Membri għandu jkun l-Istat Membru ta' identifikazzjoni. Il-persuna taxxabbli għandha tkun marbuta b'dik id-deċiżjoni għas-sena kalendarja kkonċernata u għas-sentejn (2) kalendarji ta' wara;

"persuna taxxabbli li mhijiex stabbilita fl-Istat Membru ta' konsum" tfisser persuna taxxabbli li stabbiliet in-negozju tagħha fil-Komunità jew li għandha

Verżjoni Elettronika

stabbiliment fiss hemm iżda li ma stabbilixxietx in-negozju tagħha u lanqas ma għandha stabbiliment fiss fit-territorju tal-Istat Membru ta' konsum;

"Stat Membru ta' konsum" tfisser waħda (1) minn dawn li ġejjin:

(a) fil-każ ta' provvista ta' servizzi, tfisser l-Istat Membru fejn il-provvista titqies li sseħħ skont it-Taqsima Tnejn tat-Tielet Skeda;

(b) fil-każ ta' bejgħ li jsir f'ċertu distanza intra-Komunitarju ta' oġġetti, tfisser l-Istat Membru fejn jintemm id-dispaċċ jew it-trasport tal-oġġetti lill-konsumatur;

(ċ) fil-każ ta' provvista ta' oġġetti magħmula minn persuna taxxabbli li tiffaċilita dawk il-provvisti f'konformità mas-subpartita (2) tal-partita 12A tat-Tieni Skeda, fejn id-dispaċċ jew it-trasport tal-oġġetti pprovduti jibda u jispiċċa fl- istess Stat Membru, tfisser dak l-Istat Membru.

Permess sabiex tintuża l-iskema speċjali

2. Il-Kummissarju għandu jippermetti lill-persuni taxxabbli li ġejjin li jużaw din l-iskema speċjali:

(a) persuna taxxabbli li twettaq bejgħ f'ċertu distanza intra-Komunitarju ta' oġġetti;

(b) persuna taxxabbli li tiffaċilita l-provvista ta' oġġetti f'konformità mas-subpartita (2) tal-partita 12A tat-Tieni Skeda fejn id-dispaċċ jew it-trasport tal-oġġetti pprovduti jibda u jispiċċa fl-istess Stat Membru;

(ċ) persuna taxxabbli mhux stabbilita fl-Istat Membru ta' konsum li tipprovdi servizzi lil persuna mhux taxxabbli.

Din l-iskema speċjali tapplika għal dawk l-oġġetti jew dawk is-servizzi kollha pprovduti fil-Komunità mill-persuna taxxabbli kkonċernata.

Notifika lill-Kummissarju

3. Persuna taxxabbli għandha tiddikjara lill-Kummissarju meta tibda u tieqaf mill-attivitajiet taxxabbli

Verżjoni Elettronika

tagħha koperti b'din l-iskema speċjali, jew tbiddel dawk l-attivitajiet b'tali mod li ma tibqax tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-użu ta' din l-iskema speċjali. Hi għandha tikkomunika dik l-informazzjoni b'mezzi elettroniċi.

Numru ta' identifikazzjoni tal-VAT

4. Persuna taxxabbli li tagħmel użu minn din l-iskema speċjali għandha, għat-transazzjonijiet taxxabbli mwettqa taħt din l-iskema, tiġi identifikata għall-finijiet ta' VAT f'Malta biss. Għal dak il-fini il-Kummissarju għandu juża n-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT individwali diġà allokat lill-persuna taxxabbli fir-rigward tal-obbligi tagħha taħt is-sistema interna.

Abbażi tal-informazzjoni użata għal dik l-identifikazzjoni, l-Istati Membri ta' konsum jistgħu jużaw is-sistemi ta' identifikazzjoni tagħhom stess.

Esklużjoni mill-iskema speċjali

5. Il-Kummissarju għandu jeskludi lil persuna taxxabbli mill-iskema speċjali fi kwalunkwe wieħed (1) mill-każijiet li ġejjin:

(a) jekk tinnotifika li m'għadhiex twettaq provvisti ta' oġġetti u servizzi koperti minn din l-iskema speċjali;

(b) jekk b'xi mod ieħor jista' jiġi preżunt li l-attivitajiet taxxabbli tagħha koperti minn din l-iskema speċjali ntemmu;

(ċ) jekk ma tibqax tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-użu ta' din l-iskema speċjali;

(d) jekk b'mod persistenti ma tikkonformax mar-regoli relatati ma' din l-iskema speċjali.

Sottomissjoni ta' denunzja tal-VAT

6. Il-persuna taxxabbli li tagħmel użu minn din l-iskema speċjali għandha, permezz ta' mezzi elettroniċi, tippreżenta lill-Kummissarju denunzja tal-VAT għal kull tliet (3) xhur kalendarji, kemm jekk provvisti ta' oġġetti jew servizzi koperti minn din l-iskema speċjali ġew ipprovduti, kif ukoll jekk le. Id-denunzja tal-VAT għandha tiġi ppreżentata sa tmiem ix-xahar wara t-tmiem tal-perijodu tat-taxxa kopert mid-denunzja.

Verżjoni Elettronika

Dettalji u aġġustamenti li għandhom jiġu inklużi fid-denunzja tal-VAT

7. (1) Id-denunzja tal-VAT għandha turi n-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT imsemmi fil-partita 4 u, għal kull Stat Membru ta' konsum fejn hija dovuta l-VAT, il-valur totali mingħajr il-VAT, ir-rati ta' VAT applikabbli, l-ammont totali għal kull rata tal-VAT korrispondenti u l-VAT totali dovuta fir-rigward tal-provvisti li ġejjin koperti minn din l-iskema speċjali mwettqa matul il-perijodu tat-taxxa:

(a) bejgħ li jsir f'ċertu distanza intra-Komunitarju ta' oġġetti;

(b) provvisti ta' oġġetti f'konformità mas-subpartita (2) tal-partita 12A tat-Tieni Skeda fejn id-dispaċċ jew it-trasport ta; dawk l-oġġetti pprovduti jibda u jispiċċa fl-istess Stat Membru;

(ċ) provvisti ta' servizzi.

Id-denunzja tal-VAT għandha tinkludi wkoll emendi relatati mal-perijodi tat-taxxa preċedenti kif previst fis-subpartita (4).

(2) Fejn l-oġġetti jintbagħatu jew jiġu ttrasportati minn Stati Membri oħrajn apparti Malta, id-denunzja tal-VAT għandha tinkludi wkoll il-valur totali mingħajr il-VAT, ir-rati ta' VAT applikabbli, l-ammont totali għal kull rata tal-VAT korrispondenti u l-VAT totali dovuta fir-rigward tal-provvisti li ġejjin koperti minn din l-iskema speċjali, għal kull Stat Membru minn fejn tali oġġetti jintbagħatu jew jiġu ttrasportati:

(a) bejgħ li jsir f'ċertu distanza intra-Komunitarju ta' oġġetti għajr dak magħmul minn persuna taxxabbli f'konformità mas-subpartita (2) tal-partita 12A tat-Tieni Skeda;

(b) bejgħ li jsir f'ċertu distanza intra-Komunitarju ta' oġġetti u provvisti ta' oġġetti fejn id-dispaċċ jew it-trasport ta' dawk l-oġġetti jibda u jispiċċa fl-istess Stat Membru, magħmul minn persuna taxxabbli skont is-subpartita (2) tal-partita 12A tat-Tieni Skeda.

Fir-rigward tal-provvisti msemmija fil-paragrafu (a), id-denunzja tal-VAT għandha tinkludi wkoll in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT individwali jew in-numru ta' referenza tat-taxxa allokat minn kull Stat Membru minn fejn it-tali oġġetti

Verżjoni Elettronika

jintbagħatu jew jiġu ttrasportati.

Fir-rigward tal-provvisti msemmija fil-paragrafu (b), id-denunzja tal-VAT għandha tinkludi wkoll in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT individwali jew in-numru ta' referenza tat-taxxa allokat minn kull Stat Membru minn fejn it-tali oġġetti jintbagħatu jew jiġu ttrasportati, jekk applikabbli.

Id-denunzja tal-VAT għandha tinkludi l-informazzjoni msemmija f'din is-subpartita disaggregata skont l-Istat Membru ta' konsum.

(3) Fejn il-persuna taxxabbli li tipprovdi servizzi koperti minn din l-iskema speċjali jkollha stabbiliment fiss wieħed (1) jew aktar, minbarra dak f'Malta, li minnu huma pprovduti s-servizzi, id-denunzja tal-VAT għandha tinkludi wkoll il-valur totali minbarra l-VAT, ir-rati tal-VAT applikabbli, l-ammont totali għal kull rata tal-VAT korrispondenti u l-VAT totali dovuta ta' tali provvisti, għal kull Stat Membru li fih hija għandha stabbiliment, flimkien man-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT individwali jew in-numru ta' referenza tat-taxxa ta' dan l-istabbiliment, disaggregati skont l-Istat Membru ta' konsum.

(4) Fejn tkun meħtieġa kwalunkwe emenda għad-denunzja tal-VAT wara s-sottomissjoni tagħha, tali emenda għandha tiġi inkluża f'denunzja sussegwenti fi żmien tliet (3) snin wara d-data li fiha kien jeħtieġ li tiġi sottomessa d-denunzja inizjali skont il-partita 6. Dik id-denunzja sussegwenti tal-VAT għandha tidentifika l-Istat Membru ta' konsum relevanti, il-perijodu tat-taxxa u l-ammont tal-VAT li għalih kwalunkwe emendi jkunu meħtieġa.

Munita ta' rappurtar

8. Id-denunzja tal-VAT għandha ssir bl-euro.

Jekk il-provvisti jkunu saru f'muniti oħrajn, il-persuna taxxabbli li tuża din l-iskema speċjali għandha, għall-finijiet li timla' d-denunzja tal-VAT, tuża r-rata tal-kambju li tapplika fl-aħħar data tal-perijodu tat-taxxa. Il-konverżjoni għandha ssir bl-applikazzjoni tar-rati tal-kambju ppubblikati mill-Bank Ċentrali Ewropew għal dak il-jum, jew, jekk m'hemm l-ebda pubblikazzjoni f'dak il-jum, fil-jum ta' pubblikazzjoni li jmiss.

Ħlas tat-taxxa

9. Il-persuna taxxabbli li tuża din l-iskema speċjali

Verżjoni Elettronika

għandha tħallas il-VAT, filwaqt li tagħmel referenza għad-denunzja tal-VAT relevanti, mhux aktar tard mill-iskadenza sa meta d-denunzja għandha tiġi ppreżentata.

Il-ħlas għandu jsir f'kont bankarju denominat fl-euro, magħżul mill-Kummissarju.

Tnaqqis ta' input tax

10. Il-persuna taxxabbli li tuża din l-iskema speċjali ma tistax, fir-rigward tal-attivitajiet taxxabbli tagħha koperti minn din l-iskema speċjali, tnaqqas il-VAT imposta fl-Istat Membru ta' konsum skont l-Artikolu 168 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE. Minkejja l-Artikolu 2(1), l-Artikolu 3 u l-punt (e) tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2008/9/KE, il-persuna taxxabbli inkwistjoni għandha tingħata rifużjoni skont dik id-Direttiva.

Jekk il-persuna taxxabbli li tuża din l-iskema speċjali tkun meħtieġa tkun reġistrata fi Stat Membru għal attivitajiet li mhumiex koperti minn din l-iskema speċjali, hija għandha tnaqqas il-VAT imposta f'dak l-Istat Membru fir-rigward tal-attivitajiet taxxabbli tagħha li huma koperti minn din l-iskema speċjali fid-denunzja tal-VAT li għandha tiġi ppreżentata skont l-Artikolu 250 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE.

Dokumentazzjoni

11. (1) Il-persuna taxxabbli li tuża din l-iskema speċjali għandha żżomm dokumentazzjoni tat-transazzjonijiet koperti minn din l-iskema speċjali. Din id-dokumentazzjoni għandha tkun suffiċjentement dettaljata sabiex tippermetti lill-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istat Membru ta' konsum jivverifikaw li d-denunzja tal-VAT hija korretta.

(2) Id-dokumentazzjoni msemmija fis-subpartita (1) għandha ssir disponibbli b'mezzi elettroniċi fuq talba lill-Istat Membru ta' konsum u lill-Kummissarju.

Din id-dokumentazzjoni għandha tinżamm għal perijodu ta' għaxar (10) snin mill-31 ta' Diċembru tas-sena meta twettqet it-transazzjoni.

Verżjoni Elettronika

Sezzjoni 4
Skema speċjali għall-bejgħ li jsir f'ċertu distanza ta' oġġetti importati minn territorji terzi jew pajjiżi terzi

Tifsir

1. Għall-finijiet ta' din is-Sezzjoni, u mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra ta' dan l-Att, għandhom japplikaw it-tifsiriet li ġejjin:

"intermedjarju" tfisser persuna stabbilita fil-Komunità maħtura mill-persuna taxxabbli li twettaq il-bejgħ li jsir f'ċertu distanza ta' oġġetti importati minn territorji terzi jew pajjiżi terzi bħala l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT u għall-adempiment tal-obbligi stabbiliti f'din l-iskema speċjali f'isem il-persuna taxxabbli jew għan-nom tagħha;

"persuna taxxabbli mhux stabbilita fil-Komunità" tfisser persuna taxxabbli li ma tkunx stabbilixxiet in-negozju tagħha fit-territorju tal-Komunità u li ma jkollha l-ebda stabbiliment fiss hemmhekk;

"Stat Membru ta' identifikazzjoni" tfisser dan li ġej:

(a) fejn il-persuna taxxabbli ma tkunx stabbilita fil-Komunità, l-Istat Membru li fih hija tagħżel li tkun reġistrata;

(b) fejn il-persuna taxxabbli tkun stabbilixxiet in-negozju tagħha barra l-Komunità, iżda jkollha stabbiliment fiss wieħed (1) jew aktar fiha, l-Istat Membru bi stabbiliment fiss fejn il-persuna taxxabbli tindika li ser tuża din l-iskema speċjali;

(ċ) fejn il-persuna taxxabbli tkun stabbilixxiet in-negozju tagħha fi Stat Membru, dak l-Istat Membru;

(d) fejn l-intermedjarju jkun stabbilixxa n-negozju tiegħu fi Stat Membru, dak l-Istat Membru;

(e) fejn l-intermedjarju jkun stabbilixxa n-negozju tiegħu barra l-Komunità, iżda jkollu stabbiliment fiss wieħed (1) jew aktar fiha, l-Istat Membru bi stabbiliment fiss fejn l-intermedjarju jindika li ser juża din l-iskema speċjali.

Verżjoni Elettronika

Għall-finijiet tas-subparagrafi (b) u (e), fejn il-persuna taxxabbli jew l-intermedjarju jkollhom aktar minn stabbiliment wieħed (1) fiss fil-Komunità huma għandhom jkunu marbuti bid-deċiżjoni li jindika l-Istat Membru ta' stabbiliment għas-sena kalendarja konċernata u għas-sentejn (2) kalendarji ta' wara;

"Stat Membru ta' konsum" tfisser l-Istat Membru fejn jintemm id-dispaċċ jew it-trasport ta' oġġetti lill-klijent.

Bejgħ li jsir f'ċertu distanza ta' oġġetti importati minn territorji terzi jew pajjiżi terzi

2. Għall-finijiet ta' din is-Sezzjoni, il-bejgħ li jsir f'ċertu distanza ta' oġġetti importati minn territorji terzi jew pajjiżi terzi għandu jkopri biss oġġetti, minbarra oġġetti soġġetti għad-dazju tas-sisa, f'kunsinni ta' valur intrinsiku li ma jeċċedix mija u ħamsin euro (€ 150).

Permess sabiex tintuża l-iskema speċjali

3. (1) Il-Kummissarju għandu jippermetti lill-persuni taxxabbli li ġejjin li jwettqu bejgħ li jsir f'ċertu distanza ta' oġġetti importati minn territorji terzi jew pajjiżi terzi sabiex jużaw din l-iskema speċjali:

(a) kwalunkwe persuna taxxabbli stabbilita fil-Komunità li twettaq bejgħ li jsir f'ċertu distanza ta' oġġetti importati minn territorji terzi jew pajjiżi terzi;

(b) kwalunkwe persuna taxxabbli sew jekk stabbilita fil-Komunità jew le li twettaq bejgħ li jsir f'ċertu distanza ta' oġġetti importati minn territorji terzi jew pajjiżi terzi u li hija rappreżentata minn intermedjarju stabbilit fil-Komunità;

(ċ) kwalunkwe persuna taxxabbli stabbilita f'pajjiż terz li miegħu l-Unjoni kkonkludiet ftehim dwar l-assistenza reċiproka b'kamp ta' applikazzjoni simili għad-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE u għar-Regolament (UE) Nru 904/2010 u li twettaq bejgħ li jsir f'ċertu distanza ta' oġġetti importati minn dak il-pajjiż terz. Dawk il-persuni taxxabbli għandhom japplikaw din l-iskema speċjali għall-bejgħ li jsir f'ċertu distanza ta' oġġetti importati minn territorji terzi jew pajjiżi terzi tagħhom kollu.

Verżjoni Elettronika

(2) Għall-finijiet tal-paragrafu (b) tas-subpartita (1), kwalunkwe persuna taxxabbli ma għandiex taħtar aktar minn intermedjarju wieħed (1) fl-istess waqt.

Ġrajja taxxabbli u impożizzjoni tat-taxxa

4. Għall-bejgħ li jsir f'ċertu distanza ta' oġġetti importati minn territorji terzi jew pajjiżi terzi li fuqhom hija ddikjarata l-VAT taħt din l-iskema speċjali, il-ġrajja taxxabbli u l-impożizzjoni tat-taxxa għandhom iseħħu fil-mument tal-provvista. L-oġġetti għandhom jitqiesu li ġew ipprovduti fil-mument meta l-ħlas ikun ġie aċċettat.

Notifika lill-Kummissarju

5. Il-persuna taxxabbli li tuża din l-iskema speċjali jew intermedjarju li jaġixxi għan-nom tagħha, għandhom jiddikjaraw lill-Kummissarju meta hija tibda u tieqaf mill-attivitajiet tagħha taħt din l-iskema speċjali, jew meta tbiddel dik l-attività b'tali mod li ma tibqax tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-użu ta' din l-iskema speċjali. Dik l-informazzjoni għandha tiġi kkomunikata b'mezzi elettroniċi.

Informazzjoni li għandha tiġi provduta lill-Kummissarju

6. (1) L-informazzjoni li l-persuna taxxabbli li ma tużax intermedjarju għandha tipprovdi lill-Kummissarju qabel ma tibda tuża din l-iskema speċjali, għandu jkun fiha d-dettalji li ġejjin:

(a) isem;

(b) indirizz postali;

(ċ) indirizz elettroniku u siti tal-Internet;

(d) numru ta' identifikazzjoni tal-VAT jew numru tal-kodiċi fiskali nazzjonali.

(2) L-informazzjoni li l-intermedjarju għandu jipprovdi lill-Kummissarju qabel ma jibda juża din l-iskema speċjali għan-nom ta' persuna taxxabbli għandu jkun fiha d-dettalji li ġejjin:

(a) isem;

(b) indirizz postali;

(ċ) indirizz elettroniku;

Verżjoni Elettronika

(d) numru ta’ identifikazzjoni tal-VAT.

(3) L-informazzjoni li l-intermedjarju għandu jipprovdi lill-Kummissarju fir-rigward ta’ kull persuna taxxabbli li huwa jirrappreżenta qabel dik il-persuna taxxabbli tibda l-użu ta’ din l-iskema speċjali, għandu jkun fiha d-dettalji li ġejjin:

(a) isem;

(b) indirizz postali;

(ċ) indirizz elettroniku u siti tal-Internet;

(d) numru ta’ identifikazzjoni tal-VAT jew numru tal-kodiċi fiskali nazzjonali;

(e) in-numru ta’ identifikazzjoni individwali tiegħu allokat skont is-subpartita (3) tal-partita 7.

(4) Kwalunkwe persuna taxxabbli li tuża din l-iskema speċjali jew, fejn applikabbli, l-intermedjarju tagħha, għandhom jinnotifikaw lill-Kummissarju bi kwalunkwe bidla fl-informazzjoni pprovduta.

Numru ta’ identifikazzjoni tal-VAT

7. (1) Il-Kummissarju għandu jalloka lill-persuna taxxabbli li tuża din l-iskema speċjali numru ta' identifikazzjoni tal-VAT individwali għall-applikazzjoni ta’ din l-iskema speċjali u għandu jinnotifikaha b’dak in-numru permezz ta’ mezzi elettroniċi.

(2) Il-Kummissarju għandu jalloka lill-intermedjarju numru ta’ identifikazzjoni individwali u għandu jinnotifikah b’dak in-numru permezz ta’ mezzi elettroniċi.

(3) Il-Kummissarju għandu jalloka numru ta’ identifikazzjoni individwali tal-VAT għall-applikazzjoni ta’ din l-iskema speċjali lill-intermedjarju fir-rigward ta’ kull persuna taxxabbli li għaliha huwa jkun inħatar.

(4) In-numru ta’ identifikazzjoni tal-VAT allokat taħt is-subpartiti (1), (2) u (3) għandu jintuża biss għall-finijiet ta’ din l-iskema speċjali.

Verżjoni Elettronika

Tħassir mir-reġistru ta' identifikazzjoni

8. (1) Il-Kummissarju għandu jħassar lill-persuna taxxabbli li ma tużax intermedjarju mir-reġistru ta' identifikazzjoni fil-każijiet li ġejjin:

(a) jekk hija tinnotifika lill-Kummissarju li ma għadhiex twettaq bejgħ li jsir f'ċertu distanza ta' oġġetti importati minn territorji terzi jew pajjiżi terzi;

(b) jekk b'xi mod ieħor jista' jiġi preżunt li waqqfu l-attivitajiet taxxabbli tagħha ta' bejgħ li jsir f'ċertu distanza ta' oġġetti importati minn territorji terzi jew pajjiżi terzi;

(ċ) jekk hija ma tibqax tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-użu ta' din l-iskema speċjali;

(d) jekk b'mod persistenti hija ma tikkonformax mar-regoli relatati ma' din l-iskema speċjali.

(2) Il-Kummissarju għandu jħassar lill-intermedjarju mir-reġistru ta' identifikazzjoni fil-każijiet li ġejjin:

(a) jekk għal perijodu ta' sitt (6) xhur kalendarji konsekuttivi huwa ma jkunx aġixxa bħala intermedjarju għan-nom ta' persuna taxxabbli li tuża din l-iskema speċjali;

(b) jekk huwa ma jibqax jissodisfa l-kondizzjonijiet l-oħrajn meħtieġa sabiex jaġixxi bħala intermedjarju;

(ċ) jekk b'mod persistenti huwa ma jikkonformax mar-regoli relatati ma' din l-iskema speċjali.

(3) Il-Kummissarju għandu jħassar lill-persuna taxxabbli rrappreżentata minn intermedjarju mir-reġistru ta' identifikazzjoni fil-każijiet li ġejjin:

(a) jekk l-intermedjarju jinnotifika lill-Kummissarju li din il-persuna taxxabbli ma għadhiex twettaq bejgħ li jsir f'ċertu distanza ta' oġġetti importati minn territorji terzi jew pajjiżi terzi;

(b) jekk b'xi mod ieħor jista' jiġi preżunt li waqqfu l-attivitajiet taxxabbli ta' bejgħ li jsir f'ċertu distanza ta' oġġetti importati minn territorji terzi jew pajjiżi terzi ta' din il-persuna taxxabbli;

Verżjoni Elettronika

(ċ) jekk din il-persuna taxxabbli ma tibqax tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-użu ta' din l-iskema speċjali;

(d) jekk din il-persuna taxxabbli b'mod persistenti ma tikkonformax mar-regoli relatati ma' din l-iskema speċjali;

(e) jekk l-intermedjarju jinnotifika lill-Kummissarju li huwa m'għadux jirrappreżenta din il-persuna taxxabbli.

Sottomissjoni ta' denunzja tal-VAT

9. Il-persuna taxxabbli li tuża din l-iskema speċjali jew l-intermedjarju tagħha għandhom jippreżentaw b'mezzi elettroniċi lill-Kummissarju denunzja tal-VAT għal kull xahar, kemm jekk sar bejgħ li jsir f'ċertu distanza ta' oġġetti importati minn territorji terzi jew pajjiżi terzi kif ukoll jekk le. Id-denunzja tal-VAT għandha tiġi ppreżentata sa tmiem ix-xahar sussegwenti għat-tmiem tal-perijodu tat-taxxa kopert mid-denunzja.

Fejn denunzja tal-VAT għandha tiġi ppreżentata f'konformità ma' din il-partita, il-Kummissarju ma għandux jimponi, għall-finijiet tal-VAT, kwalunkwe obbligu addizzjonali jew xi formalità oħra mal-importazzjoni.

Dettalji u aġġustamenti li għandhom jiġu inklużi fid-denunzja tal-VAT

10. (1) Id-denunzja tal-VAT għandha turi n-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT imsemmi fil-partita 7 u, għal kull Stat Membru ta' konsum fejn hi dovuta l-VAT, il-valur totali, mingħajr VAT, tal-bejgħ li jsir f'ċertu distanza ta' oġġetti importati minn territorji terzi jew pajjiżi terzi li fuqhom tiġi imposta l-VAT matul il-perijodu tat-taxxa u l-ammont totali skont ir-rata tal-VAT korrispondenti. Ir-rati tal-VAT applikabbli u l-VAT totali dovuta għandhom jiġu indikati wkoll fid-denunzja.

(2) Fejn tkun meħtieġa kwalunkwe emenda għad-denunzja tal-VAT wara s-sottomissjoni tagħha, tali emenda għandha tiġi inkluża f'denunzja sussegwenti fi żmien tliet (3) snin wara d-data li fiha kien jeħtieġ li tiġi sottomessa d-denunzja inizjali skont il-partita 9. Dik id-denunzja sussegwenti tal-VAT għandha tidentifika l-Istat Membru ta' konsum relevanti, il-perijodu tat-taxxa u l-ammont tal-VAT li għalih kwalunkwe emendi jkunu meħtieġa.

Verżjoni Elettronika

Munita ta' rappurtar

11. Id-denunzja tal-VAT għandha ssir bl-euro.

Jekk il-provvisti jkunu saru b'muniti oħrajn, il-persuna taxxabbli li tuża din l-iskema speċjali jew l-intermedjarju tagħha għandhom, għall-finijiet ta' mili tad-denunzja tal-VAT, jużaw ir-rata tal-kambju li tapplika fl-aħħar data tal-perijodu tat-taxxa. Il-konverżjoni għandha ssir bl-applikazzjoni tar-rati tal-kambju ppubblikati mill-Bank Ċentrali Ewropew għal dak il-jum, jew, jekk ma jkun hemm l-ebda pubblikazzjoni f'dak il-jum, fil-jum tal-pubblikazzjoni li jmiss.

Ħlas tat-taxxa

12. Il-persuna taxxabbli li tuża din l-iskema speċjali jew l-intermedjarju tagħha għandhom iħallsu l-VAT, filwaqt li jagħmlu referenza għad-denunzja tal-VAT relevanti mhux aktar tard mill-iskadenza sa meta d-denunzja għandha tiġi ppreżentata.

Il-ħlas għandu jsir f'kont bankarju denominat fl-euro, magħżul mill-Kummissarju.

Tnaqqis ta' input tax

13. Il-persuna taxxabbli li tuża din l-iskema speċjali ma tistax, fir-rigward tal-attivitajiet taxxabbli tagħha koperti minn din l-iskema speċjali, tnaqqas il-VAT imposta fl-Istati Membri ta' konsum skont l-Artikolu 168 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE. Minkejja l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 86/560/KEE u l-Artikolu 2(1) u tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/9/KE, il-persuna taxxabbli inkwistjoni għandha tiġi rimborżata f'konformità ma' dawk id-Direttivi. L-Artikolu 2(2) u (3) u l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 86/560/KEE ma għandhomx japplikaw għal rifużjonijiet li jirrigwardaw oġġetti koperti minn din l-iskema speċjali.

Jekk il-persuna taxxabbli li tuża din l-iskema speċjali tkun meħtieġa tkun reġistrata fi Stat Membru għal attivitajiet mhux koperti minn din l-iskema speċjali, hija għandha tnaqqas il-VAT imposta f'dak l-Istat Membru fir-rigward tal-attivitajiet taxxabbli tagħha li huma koperti minn din l-iskema speċjali fid-denunzja tal-VAT li għandha tiġi ppreżentata skont l-Artikolu 250 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE.

Dokumentazzjoni

14. (1) Il-persuna taxxabbli li tuża din l-iskema speċjali

Verżjoni Elettronika

għandha żżomm dokumentazzjoni tat-transazzjonijiet koperti minn din l-iskema speċjali. Intermedjarju għandu jżomm dokumentazzjoni għal kull persuna taxxabbli li jirrappreżenta. Dik id-dokumentazzjoni għandha tkun dettaljata biżżejjed sabiex ttippermetti lill-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istat Membru ta' konsum jivverifikaw li d-denunzja tal-VAT hija korretta.

(2) Id-dokumentazzjoni msemmija fis-subpartita (1) għandha ssir disponibbli b'mezzi elettroniċi fuq talba għall-Istat Membru ta' konsum u għall-Kummissarju.

Dik id-dokumentazzjoni għandha tinżamm għal perijodu ta' għaxar (10) snin mill-aħħar tas-sena li matulha saret it-transazzjoni.".

Jissostitwixxi t-Taqsima Tmienja tal-Erbatax-il Skeda.

3. It-Taqsima Tmienja tal-Erbatax-il Skeda, għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Taqsima Tmienja

Arranġamenti speċjali għad-dikjarazzjoni u għall-ħlas tal-VAT fuq l-importazzjonijiet

Permess sabiex jintuża l-arranġament speċjali

1. Fejn, għall-importazzjoni ta' oġġetti, minbarra oġġetti soġġetti għad-dazji tas-sisa, f'kunsinni ta' valur intrinsiku li ma jeċċedix mija u ħamsin euro (€150), ma tintużax l-iskema speċjali msemmija fis-Sezzjoni 4 Tat-Taqsima Sebgħa ta' din l-Iskeda, il-Kummissarju għandu jippermetti lill-persuna li tippreżenta l-oġġetti lid-Dwana għan-nom tal-persuna li għaliha huma destinati l-oġġetti f'Malta sabiex tuża l-arranġamenti speċjali għad-dikjarazzjoni u għall-ħlas tal-VAT fuq l-importazzjonijiet fir-rigward ta' oġġetti li għalihom id-dispaċċ jew it-trasport jintemm f'Malta.

Responsabbiltà u ġbir tat-taxxa

2. (1) Għall-finijiet ta' dan l-arranġament speċjali, għandhom japplikaw dawn li ġejjin:

(a) il-persuni li għalihom jkunu destinati l-oġġetti għandhom jkunu responsabbli għall-ħlas tal-VAT;

(b) il-persuna li tippreżenta l-oġġetti lid-Dwana f'Malta għandha tiġbor il-VAT mingħand il-persuna li għaliha jkunu destinati l-oġġetti u tħallas tali VAT.

Verżjoni Elettronika

(2) Il-Kummissarju għandu jistabbilixxi proċedura amministrattiva li trid issegwi l-persuna li tippreżenta l-oġġetti lid-Dwana sabiex dik il-persuna għandha tieħu l-miżuri adatti sabiex tiżgura li titħallas it-taxxa korretta mill-persuna li għaliha huma destinati l-oġġetti.

Rapportaġġ, ħlas u dokumentazzjoni

3. (1) Il-persuna li tippreżenta l-oġġetti lid-Dwana taħt dan l-arranġament speċjali għandha tirrapporta b'mezzi elettroniċi l-VAT miġbura mill-persuna li għaliha huma destinati l-oġġetti f'dikjarazzjoni ta' kull xahar. Id-dikjarazzjoni għandha tinkludi l-VAT totali miġbura matul ix-xahar kalendarju relevanti.

(2) Il-Kummissarju għandu jirrikjedi li l-VAT imsemmija fis-subpartita (1) titħallas kull xahar sal-iskadenza għall-ħlas applikabbli għall-ħlas ta' dazju fuq l-importazzjoni.

(3) Il-persuni li jużaw dan l-arranġament speċjali għandhom iżommu dokumentazzjoni tat-transazzjonijiet koperti minn dan l-arranġament speċjali għal perijodu ta' mhux anqas minn tlett (3) snin u liema perijodu għandu jibda jiddekorri mill-aħħar tas-sena li fiha d-dikjarazzjonijiet doganali għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera huma aċċettati. Dik id-dokumentazzjoni għandha tkun dettaljata biżżejjed sabiex tippermetti lill-Kummissarju jew lill-Komptrollur tad-Dwana jivverifikaw li l-VAT iddikjarata hija korretta u li ssir disponibbli b'mod elettroniku fuq talba għall-Kummissarju jew il-Komptrollur tad-Dwana skont il-każ.".